

# Ir-rwol effettiv tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex (1)

*Joseph Borg*

**F'din il-ħarġa u li jmiss qed nippubblikaw f'żewġ partijiet id-Diskors Konklużiv tas-Sur Joseph Borg, President tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, fl-okkażjoni tat-tifkira tal-20 sena mit-twaqqif tal-istess Kamra, li nżammet il-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2020, fil-Kempinski Hotel, San Lawrenz. Hu eżempju ċar ta' kif il-prinċipji Nsara jistgħu jdawlu l-ħajja soċjali u ċivili tagħna.**

*Onorevoli Membri Parlamentari, Speaker Emeritu, President tar-Reġjun, Segretarju Permanenti, Sinjuri u Ħbieb.*

Huwa ta' pjaċir kbir għalija li llum qiegħed fostkom u magħkom biex flimkien nagħmlu ċelebrazzjoni. Qed niċċelebraw bħal familja waħda t-twaqqif tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, b'kuntratt iffirmat sewwasew f'dan il-lokal fejn qed niġu ospitati llum, nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru 1999.

### Għaddew għoxrin sena

Iva, għaddew għoxrin sena. Ċertament, aħna ma għadniex l-istess, Għawdex ma baqax l-istess, lanqas il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ma baqgħet l-istess. Id-dmir tagħna bħal dejjem kien u jibqa' li nippromovu u niddefendu lil min jagħmel in-negozju f'Għawdex, imma l-ambjent ta' dakinhar inbidel drastikament, f'ħafna ħwejjeġ għall-aħjar u f'oħrajn għall-agħar.

Nixtieq f'din l-okkażjoni nsellem lil dawk kollha li mexxew lil din il-Kamra fl-għoxrin sena li għaddew. Nibda mis-Sur John Magro, il-promutur ewlieni u l-ewwel President tal-Kamra, warajh Dr Michael Caruana, it-tieni President, imbagħad is-Sur Joseph Grech, it-tielet President tal-Kamra, u warajh is-Sur Michael Grech, ir-raba' President, segwit mis-Sur Joseph Grech, il-President ta' qabli. Dan hu mument li fih nixtieq nerġa' nrodd ħajr lil Joe li prattikament ta ħajtu għall-Kamra l-ewwel fil-kariga ta' Chief Executive Officer u mbagħad bħala President. F'din l-okkażjoni nixtieq insellmulu.

### Monument tal-volontarjat

Dawn il-persuni li semmejt, flimkien mal-membri kollha tal-Kunsilli, il-membri l-oħra kollha, u fuq kollox l-impjegati tal-Kamra, taw is-saħħa lil din li llum nistgħu nsejħulha istituzzjoni fil-gżira ċkejkna tagħna. Kemm irnexxejna s'issa u x'akkwistajna ma nistgħux niġġudikawh aħna li konna parti integrali mill-Kamra. Illum ma nistax ma nfaħħarx, ma nfakkarx u ma nroddx ħajr għas-sigħat twal ta' volontarjat li dawn il-persuni fit-tmexxija offrew, taw, iddedikaw, għall-ġid aħħari ta' Għawdex tagħna, mingħajr ma fittxew l-interess personali tagħhom.

Kif għidt fil-bidu, id-dinja nbidlet. Dan l-aħħar irċevejt telefonata minn bank lokali fejn intqalli: "Inti l-President tal-Gozo Business Chamber, hux hekk?". Weġibt li iva. Qaltli: "Għax qed ninnutaw li fil-kont tiegħek ma jidher li hemm ebda dħul ta' fondi mill-Gozo Business Chamber". Kompliet: "Tista' tispjegali ftit?". Għidtilha: "Int bis-serjetà qed tistaqsini? Jien mill-Gozo Business Chamber ma ndaħħalx flus". Ma qatgħetx qalbha. Reġgħet staqsietni l-istess fuq Fondazzjoni li jien ilni nagħti sehem b'mod volontarju fiha s-snin. Weġibtha li "jien m'għandix żmien x'nitlef dalgħodu". U bil-pulit qtajtilha.

Xi rrid ngħid? Il-kunċett ta' volontarjat qed jintilef. Anzi, kważi mhux aċċettat. Jien nemmen li jekk Għawdex jitlef dan is-sens ta' għotja li hu l-volontarjat, jitlef

parti sostanzjali minn dak li jiddistingwih. Għax aħna fil-Kamra dejjem hekk emminna; li biex ikun hemm żvilupp ekonomiku, soċjali u politiku, u biex dan ikollu tassew bixra umana, irid ikun imsawwar madwar il-valur tas-sens ta' għotja li effettivament huwa l-volontarjat.[1]

Għidna li ż-żminijiet qed jinbidlu. F'dan id-diskors tiegħi ma nistax ma nsemmix is-sitwazzjoni preżenti fil-pajjiż, sitwazzjoni li ġiet deskritta mill-President ta' Malta l-E.T. Dr George Vella bħala bla preċedent u li dawn mhumiex żminijiet normali.[2]

Għaliex wasalna s'hawn u kif ser noħorġu minn din is-sitwazzjoni? Fir-riflessjonijiet tiegħi ftakart fi ktieb li kont qrajt u studjajt fl-1984. Lil George Orwell kont diġà qrajtu xi ftit anqas minn għaxar snin qabel meta kellna nistudjaw *Animal Farm* għall-eżami tal-Letteratura Ingliża. Imma apprezzajt ħafna lill-awtur meta qrajt il-ktieb tiegħu *Nineteen Eighty-Four* li mbagħad spiċċajt biex ibbażajt it-teżi li ktibt dak iż-żmien fuqu. In-novella *Nineteen Eighty-Four*, miktuba fl-1948 u ppubblikata sena wara, titkellem fuq pajjiż ivvintat li fih 'Big Brother' ikollu setgħa bla qies. Joħloq żmien fejn il-ġustizzja, il-verità u l-moralità jiġu miknusa hekk li ħadd ma jibqagħlu kontroll fuq xejn. Winston Smith, li except the few cubic centimeters inside your skull". Qatt ma bsart li ser nerġa' niftakar f'dan il-ktieb wara daqshekk żmien.

Kif wasalna s'hawn? Ngħid għalija u nibda minni: tort tiegħi. Għaliex meta rajt ħwejjeġ jiġru madwari li ma għoġbuni xejn, ma tkellimtx, bqajt sieket. Is-skiet kollettiv tagħna li wassalna sa hawn. Hekk naħseb jien. Imma nistgħu nibqgħu siekta għax hekk jaqblilna? Spiċċajna biex ħammiġna l-politika u n-negozju, spiċċajna biex tellifna l-fiduċja fl-istituzzjonijiet, spiċċajna biex l-onest qed jiġi mqiegħed fl-istess keffa tal-kriminal. Kulħadd jaf x'inhu s-sewwa, x'inhu ġust u x'għandek tagħmel u x'għandek twarrab. Dak li jgħodd għall-politika jgħodd ukoll għall-kummerċ, għan-negozju. Trid tispiċċa li dak kollu li jiġi għal idejna, dment li jagħtina s-setgħa, dment li jaqblilna, dment li ħa jħallilna l-flus, nagħmluh. Irmejna l-prinċipji, irmejna l-valuri, irmejna s-sisien li fuqhom mibni pajjiżna u spiċċajna, kif qalu tant tajjeb il-Viċi Prim Ministru Dr Chris Fearne u oħrajn, li ġrat ħsara kbira, kważi irreparabbli għall-pajjiż.[4]

Fil-fehma tiegħi, nirranġaw is-sitwazzjoni biss jekk nerġgħu lura għall-irġulija, għall-prinċipji, għall-valuri. Hekk biss tista' s-saltna tad-dritt issaltan f'pajjiżna. Jekk l-azzjonijiet tagħna ma jkunux mibnija fuq il-ġustizzja, il-verità u l-moralità, qajla jistgħu jwasslu għall-ġid komuni li lkoll nixtiequ.

Huwa wkoll wieħed mill-għanijiet tagħna bħala Kamra li għal din is-sena norganizzaw xi attivitajiet għall-membri tagħna li fihom niddiskutu n-negozju u l-etika u ntennu kif in-negozju ma jistax jiddistakka ruħu mill-moralità biex jintlaħaq il-ġid komuni. Mhux l-ewwel darba li ġew organizzati attivitajiet ta' din ix-xorta mill-Kamra, u l-bżonn tagħhom qed jidher illum, aktar minn qatt qabel.

1 


2 


[1] Ara Benedittu XVI, *Caritas in veritate*, 79.
[2] Ara President George Vella, *Indirizz lin-Nazzjon*, 1 ta' Diċembru 2019.
[3] George Orwell, *Nineteen Eight-Four*, Harmondsworth 1954, 27.
[4] Dr Chris Fearne, 25 ta' Novembru 2019, f'https://www.youtube.com/watch?v=Z0Swnall_Qw.

**Ritratti**

1. Is-Sur Joe Grech jippreżenta kopja ta' ktieb dwar Għawdex lill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, dakinhar President ta' Malta, waqt titjira tal-Air Malta.
2. Membri tal-Kunsill tal-Kamra f'laqgħa riċenti ma' Dr Robert Abela, Prim Ministru ta' Malta.